MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2006

Numru. 462/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**v**

**MARIO SPITERI bin John u Mikelina nee' Cassar, imwieled fit-tnejn [2] ta' Lulju 1959 u residenti 32, Triq in-Narcis, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 38559G.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **MARIO SPITERI** bin John u Mikelina nee' Cassar, imwieled fit-tnejn [2] ta' Lulju 1959 u residenti 32, Triq in-Narcis, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 38559G gie mressaq quddiemha u akkuzat

talli fl-erbgha w ghoxrin [24] ta’ Gunju, 2006 ghal habta tad-disgha w nofs ta’ filghaxija, fi Triq Mgarr, fix-Xewkija, Ghawdex saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LWY-227:-

1. fejn b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni u b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti, qasam il-linji bojod;

2. talli habat ma vettura tat-Tifi tan-Nar bin-numru ta’ registrazzjoni GVH-473 u kkagunalha hsara nvolontarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Anthony Gambin u lil PS 369 Joseph Mizzi.

Rat d-dokumenti kollha esibiti minn PS 369 Joseph Mizzi u cioe PS u PS 1 li huma skizz w okkorrenza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti **l-akkuzi ma jirrizultawx ppruvata w ghalhekk il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputat MARIO SPITERI hati taghhom u tilliberah minnhom**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------